**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Illum 22 ta' Marzu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Loreto Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Loreto Portelli ta' 42 sena, iben Anthony u Carmela nee' Muscat imwieled il-Pieta`, Malta nhar il-29 ta' Awwissu 1977 u li joqghod, 17, Triq Vendome, Zejtun, detentur ta' karta tal-identita` 0415477(M).

Akkużat talli nhar il-20 ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-hamsa u nofs u hamsa ta' wara nofsinhar (17:35 hrs) gewwa Triq Ghar Dalam, Birzebbugia u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-ufficjal tal-kommunita 579, Anthony Gerald Schinto f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Ufficjal tal-kommunita 579 Anthony Gerald Schinto, persuna inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, hekk kif iccertifika Dr Ian Psaila (Med Reg no 3395).

2) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' lil ufficjal tal-kommunita 579 Anthony Gerald Schinto waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaha jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li titqies bhala vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe lil ufficjal tal-kommunita 579 Anthony Gerald Schinto waqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;
4) B'xi mod attakka jew irrezista bi vjolenza lil ufficjal tal-kommunita numru 579 waqt il-qadi ta' dmirijietu taht l-Att Dwar Gwardjani Privati u Ufficjali Tal-Komunita;
5) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn 250 euro;
6) Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Anthony Gerald Schinto ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttrattata u deciza bil-procedura sommarja, u semghet id-dikjarazzjoni tal-imputat li hu ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li l-imputat wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih kienet ta' tlett snin u disa' xhur prigunerija u multa ta' €10,000 u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu sabiex jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu.

Meta regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, l-imputat wiegeb fl-affirmattiv, u l-imputat rega' kkonferma li hu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni mill-partjiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi mill-provi prodotti u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghall-fini ta' piena l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni bl-applikazzjoni tad-dottrina tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

Il-hames imputazzjoni hija wkoll assorbita fit-tieni imputazzjoni, stante li serviet bhala mezz ghal fini biex gie kommess ir-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Rigward il-piena il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u li l-fedina penali tieghu hija wahda netta.

Pero, jibqa' l-fatt li r-reati kommessi mill-imputat huma ta' natura serja hafna. Din il-Qorti, kif preseduta, taqbel perfettament ma' dak li irriteniet il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[1] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Ivan (John) Felice**, deciza fl-4 ta' Gunju 2002, u cioe illi:

*"Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem irriteniet li r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata*

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija. Irrabjat kemm kien irrabjat l-appellant, jew anke jekk kien genwinament inkwetat dwar ibnu minhabba li ra xi tbengil fuq il-persuna tieghu, taht ebda cirkostanza ma jista' jigi skuzat ghal dak li ghamel. L-inkolumita` fizika tal-pulizija m'ghandiex tigi perikolata semplicement ghax dak li jkun ikun irrabjat, inkwetat jew ghax taqbilzu c-cinga! F'dan il-kaz, ghalhekk, il-piena kellha tkun dik ta' prigunerija ... ..."*

L-istess gie retenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Angelo Abela** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[2] fil-21 ta' Jannar 2010. Din is-sentenza ghandha fattespecje simili ghal dak odjern, ghax anke f'dak il-kaz l-imputat instab hati li kiesah u biered attakka u rrezista warden, u kkagunalu ferita ta' natura hafifa, meta dan il-warden kien ser johrog kontravenzjoni kontra martu, talli din ghamlet hafna storbju u ghajjat u ma ridietx twarrab il-vettura taghha min-nofs kif kien ordnalha l-istess warden. F'din is-sentenza ta' **Angelo Abela**, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Illi din il-Qorti diga kellha okkazjoni li ttenni li vjolenza uzata kontra l-forzi tal-ordni sija jekk ikunu membri tal-Korp tal-Pulizija, sija jekk ikunu wardens jew persuni ohra inkarigati minn servizz pubbliku ghandha tigi punita b'piena restrittiva tal-liberta.*

*Dan ghaliex kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi:*
*"Reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-persuni inkarikati minn servizz pubbliku kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu il-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi u ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b'leggerezza w jikkondannaw dak li ma ghandux jigi ikkondonat b'pieni irrizorji." (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] u ohrajn.).*

Fil-kaz odjern, l-imputat uza forza attiva kiesah u biered, meta hu gie mwaqqaf mill-Ufficjal tal-Kommunita CO 579 Anthony Schinto, meta dan tal-ahhar ra lill-imputat isuq il-vettura tieghu minn Triq Birzebbuga, meta d-dawl kien ahmar. Kif jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija, - li ma giex ikkontestat mid-difiza – malli l-Ufficjal tal-Kommunita staqsa lill-imputat

[2] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

ghaliex kien ghadda mit-triq meta d-dawl kien ahmar *"ix-xufier tal-vettura nizel ghalih fejn minn hemm beda joffendih u jghajru kif ukoll heddu "inhanxrek u noqtlok". Is-Sur Schinto wiegbu li kull ma jrid jaf ghalxiex ghadda min fuq l-ahmar imma x-xufier qallu li mhux vera ghadda minn fuq l-ahmar u hebb ghalih fejn irrizulta li beda jifgaw bil-helmet, qattalu n-notebook, il-qalziet u l-gakketta u kkawzalu xi griehi hfief."*

Ir-rapport tal-Pulizija jkompli jghid li *"ingabru xi nies madwarhom fejn bdew jippruvaw jikkalmaw lix-xufier imma xorta beda jerga' jmur ghal ufficjal. Wara dan kollu x-xufier rikeb fil-vettura tieghu, l-ufficjal rega' talbu ghal licenzja tas-sewqan tieghu, fejn min-naha tieghu wiegbu li hu "ghala z**** minnek" u saq 'l hemm."*

Ghaldaqstant, dan kien attakk bla pretest u bla provokazzjoni kwalsiasi. B'rizultat tal-aggressjoni, l-Ufficjal tal-Kommunita sofra feriti ta' natura hafifa kif iccertifikat minn Dottor Ian Psaila, konsistenti, f'ugiegh meta jdawwar ghonqu, ugiegh fl-ghaksa ta' siequ tax-xellug, kif ukoll ugiegh fil-parti t'isfel ta' daharu meta jintlewa.

In oltre, waqt l-aggressjoni, l-imputat qatta' l-qalziet u l-gakketta tal-Ufficjal tal-Kommunita kif ukoll qattghalu jew ikkagunalu danni fil-*boots* li kien liebes, kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija, kif ukoll mill-email mibghuta minn Raymond Zammit, Chief Executive Officer tal-Local Enforcement System Agency (LESA).

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat qal li l-imputat kien iddispjacieh milli kien ghamel. Pero frankament dan ma jirrizultax mill-atti. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu l-imputat cahad li ghamel xi hsara fuq proprjeta tal-Ufficjal tal-Kommunita u cahad ukoll li kien tah xi daqqiet, wisq inqas wera rimors ghal dak li ghamel.

Issa huwa veru li fit-trattazzjoni orali, l-Ufficjal Prosekutur qabel mas-sottomissjoni tal-abbli difensur tal-imputat li l-piena idonea hija wahda ta' sentenza sospiza u multa. Pero, fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq citat, u ikkunsidrati l-fattispecje tal-kaz odjern, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni. L-imposizzjoni ta' sentenza sospiza m'hix hlas bizzejjed ghal min, minghajr raguni gusta, juza l-vjolenza fizika kontra persuni ohra, iktar u iktar meta dawn il-persuni ikunu ufficjali inkarigati mis-servizz pubbliku li qed jippruvaw jaqdu id-doveri taghhom.

Il-qrati tal-gustizzja kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirriprestinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika, bhalma gara fil-kaz odjern (ara wkoll **Il-Pulizija vs Peter Camilleri et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[3] fid-29 ta' Jannar 2015 u **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[4] fit-30 ta' Lulju 2004.) Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-opinjoni li huwa d-dover taghha li tghaddi l-messagg ta' determinazzjoni u severita kontra min, ghal xejn b'xejn, jinfexx fi vjolenza kontra persuni ohra, aktar u aktar kontra persuni inkarigati mis-servizz pubbliku waqt il-qadi tad-doveri taghhom. Din il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni *"the chilling effect"* li tali vjolenza jkollha fuq l-Ufficjal tal-Komminita in kwistjoni, u fuq persuni ohra inkarigati mis-servizz pubbliku, li jigu aggrediti semplicement ghaliex ikunu qed jaqdu d-doveri taghhom.

Issa skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali, fil-kaz odjern il-piena applikabbli hija priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000).

Tenut kont li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, u ghandu fedina penali netta, din il-Qorti se tinfliggi piena ta' prigunerija fil-minimu taghha ta' sitt xhur, filwaqt li l-multa li se tigi nflitta se tkun vicin il-minimu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 221(1), 95, 96(a), 325(1)(c), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 19(1) u (2) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u ghal piena ta' hlas ta' multa ta' hamest Euro (€5,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u erbghin Euro (€140.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu

[3] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[4] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

jivverifika ma’ l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**